MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 735/2004

**Oreste Cilia**

**bhala Direttur u azzjonista fis-socjeta`**

**Cilia Products Limited**

**(C – 4378)**

**vs**

**Daniel Cilia u Maurice Cilia**

**f'isimhom proprju kif ukoll**

**ghan-nom u fl-interess tas-socjeta`**

**Cilia Products Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-1 t'Ottubru, 2004, li permezz tieghu r-rikorrenti Oreste Cilia sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi hu azzjonista fis-socjeta` Cilia Products Limited ghal elf (1000) sehem ordinarju ta' Lira Maltija (Lm1.00) ghal kull sehem, u dan, minn total ta' tlett elef, (3000) sehem ordinarju, (ara foll 1 u 12);

1.2. Illi l-intimati Daniel u Maurice Cilia huma d-diretturi l-ohra tal-istess socjeta`, u huma wkoll azzjonisti tar-rimanenti elfejn (2000) sehen ordinarju, (ara foll 1), fl-ammont t'elf (1000) sehem ordinarju kull wiehed, (ara foll 12);

1.3. Illi s-socjeta` fuq indikata giet kostitwita fit-23 ta' Frar, 1979, (ara foll 7), u maghhom il-kontendenti fuq indikati kellhom ukoll lil huhom Victor li pero` l-ishma tieghu kienu gew assorbiti mill-azzjonisti prezenti fuq imsemmija;

1.4. Illi peress li s-socjeta` *de* quo hekk istitwita kienet impriza familjari, l-ahwa involuti riedu jzommu sitwazzjoni t'ugwaljanza bejniethom, liema sitwazzjoni kienet riflessa fl-istatut tal-istess socjeta` billi:

1.4.1. L-ahwa kienu lkoll diretturi; u

1.4.2. L-ahwa kellhom kwantita` ugwali ta' ishma;

1.4.3. Meta huhom Victor ried jitrasferixxi l-azzjonijiet tieghu fil-kumpanija *de quo*, dawn inqasmu b'mod ugwali bejn l-ahwa l-ohra;

1.5. Illi bhala socjeta`, Cilia Products Limited hi regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6. Illi bl-agir diskriminatorju u oppressiv taghhom, l-intimati qed jippregudikaw lir-rikorrenti kemm bhala azzjonista, kemm bhala direttur, u kemm bhala impjegat;

1.7. Illi r-rikorrenti kellu ftehim verbali mas-socjeta` *de quo* li:

1.7.1. Jahdem hamsin (50) siegha kull hmistax;

1.7.2. Jithallas bir-rata ta' zewg Liri Maltin u tmenin centezmu, (Lm2.80), fis-siegha – ekwivalenti ghall-pagament ta' mija u erbghin Lira Maltin, (Lm140.00), kull hmistax;

1.8. Illi fl-istess ftehim verbali l-intimati intrabtu bil-mod segwenti:

1.8.1. Illi jahdmu tmenin (80) siegha kull hmistax kull wiehed;

1.8.2. Illi jithallsu bl-istess rata li biha jithallas ir-rikorrenti, (ara paragrafu wiehed punt sebgha punt tnejn, (1.7.2.), aktar qabel);

1.8.3. Illi ghalhekk l-intimati kellhom jithallsu mitejn u erbgha u ghoxrin Lira Maltin, (Lm224.00), kull wiehed, kull hmistax;

1.9. Illi f'April, 2003, ir-rikorrenti beda jahdem tmenin (80) siegha kull hmistax;

1.10. Illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghal din iz-zieda fix-xoghol tar-rikorrenti minghajr ma taw l-ebda raguni ghal dan;

1.11. Illi in effetti, l-intimati cahhdu lir-rikorrenti mis-salarju ekwivalenti ghas-sieghat ta' xoghol minnu mahduma, (ara foll 30);

1.12. Illi fid-dikjarazzjoni finali tad-dhul ghall-finijiet ta' taxxa gie dikjarat mill-intimat Daniel Cilia li r-rikorrenti Oreste Cilia jircievi minflok, salarju ta' mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin, (Lm124.00), fil-***gimgha*** u mhux kull ***hmistax*** kif pattwit, (ara paragrafu numru wiehed punt sebgha punt tnejn, (1.7.2.), aktar qabel;

1.13. Illi *di piu`*, r-rikorrenti ricentement skopra li l-intimati kienu ilhom mill-1990 jghaddu kumpens ulterjuri lilhom infushom oltre s-salarju pattwit fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt tmienja punt tlieta, (1.8.3.), aktar qabel);

1.14. Illi fl-2001 dan il-kumpens ulterjuri zdied biex issa qed jircievu kumpens ta' hamsa u erbghin Lira Maltin, (Lm45.00), kull wiehed, kull gimgha;

1.15. Illi dawn l-ammonti ulterjuri hekk lilhom mghoddija matul dawn l-ahhar hdax (11) il-sena, huma ekwivalenti ghal madwar tnejn u ghoxrin elf Lira Maltin, (Lm22,000.00);

1.16. Illi dan l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti thallas lill-intimati minnhom stess u minn wara dar ir-rikorrenti, u minghajr l-approvazzjoni u d-debita awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Diretturi jew ta' l-azzjonisti *de quo;*

1.17. Illi l-impjegati tas-socjeta` *de quo* wkoll ircevew kumpens ulterjuri ta' madwar mija u ghoxrin Lira fil-gimgha, (LM120.00), liema kumpens ma kienx jidher fil-kontijiet tal-kumpanija u thallas minghajr l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi jew tal-azzjonisti;

1.18. Illi meta r-rikorrenti sar jaf b'dan l-agir abbusiv tal-intimati oggezzjona ghall-istess u l-kumpens ulterjuri moghti lill-intimati u lill-impjegati gie inkluz fis-salarji taghhom;

1.19. Illi meta fis-26 t'Awwissu, 2003, ir-rikorrenti ppropona li s-salarji tad-diretturi u tal-impjegati jibdew jinhargu b'*cheque* biex jigu evitati abbuzi, id-diretturi intimati oggezzjonaw salv ghall-impjegati;

1.20. Illi r-rikorrenti ilu jigi lilu michud il-bonus kwantu impjegat tal-imsemmija socjeta` minn Settembru, 2001, u dan minghajr m'inghata l-ebda raguni valida;

1.21. Illi l-impjegati tas-socjeta` *de quo* jigu assunti u mkeccija mill-intimati minghajr awtorizzazzjoni jew approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi jew ta' l-azzjonisti;

1.22. Illi s-socjeta` *de quo* mhix titmexxa kif suppost *stante* li mhux isiru l-ebda laqghat tad-diretturi;

1.23. Illi s-socjeta` *de quo* qed titmexxa daqs li kieku kienet proprjeta` personali tal-intimati;

1.24. Illi r-rikorrenti qed jigi ghal kollox estromess mit-tmexxija tal-istess socjeta`, nonostante li hu Direttur u azzjonist fl-istess daqs l-intimati;

1.25. Illi l-intimati sejhu laqgha ghall-15 ta' Lulju, 2004, li fiha ppropponew li r-rikorrenti jitnehha minn direttur, (ara foll 34);

1.26. Illi *stante* li r-rikorrenti intavola mandat t'inibizzjoni fir-rigward, il-laqgha proposta kif indikata fil-paragrafu precedenti ma sehhitx peress li r-rikors in dizamina intlahaq provizorjament;

1.27. Illi l-intimati sejhu laqgha generali ohra ghall-11 t'Awwissu, 2004, bl-agenda tkun:

1.27.1. Approvazzjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja datata d-29 ta' Frar, 2004;

1.27.2. Konferma u elezzjoni tad-diretturi;

1.27.3. Hatra tal-Awdituri;

1.28. Illi ghall-laqgha indikata fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti nnomina lill-*accountant* tieghu Charles Farrugia biex jattendi ghall-istess laqgha bis-sahha ta' prokura appozita rilaxxata mill-istess rikorrenti favur tieghu;

1.29. Illi meta l-imsemmi *accountant* beda jindaga fuq il-kontijiet prezentati, id-domandi tieghu ma gewx imwiegba;

1.30. Illi meta sussegwentement l-imsemmi *accountant* talab l-istess informazzjoni bil-miktub, baqa` minghajr twegibiet;

1.31. Illi fil-laqgha tal-11 t'Awwissu, 2004, fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt sebgha u ghoxrin, (1.7.20.), aktar qabel), l-intimati eleggew lilhom infushom bhala diretturi;

1.32. Illi meta l-intimati gew biex jivvutaw fuq l-elezzjoni tar-rikorrenti bhala direttur ivvutaw kontra l-inkluzjoni tal-istess rikorrenti f'tali kariga;

1.33. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostni li ma kellu bzonn l-ebda elezzjoni biex jigi elett bhala direttur *stante* li tali elezzjoni tista` ssir biss jekk qabel il-laqgha generali li tkun hekk imsejha, id-diretturi:

1.33.1. Jirtiraw jew

1.33.2. Jirrizenjaw

1.34. Illi la l-imsemmija cirkostanzi indikati fil-paragrafu precedenti m'avverawx ruhhom, ma kien hemm l-ebda htiega li ssir elezzjoni u ghalhekk, il-kontendenti Oreste, Maurice u Daniel ahwa Cilia ghadhom kollha diretturi tas-socjeta` *de quo*;

1.35. Illi elezzjoni tad-diretturi setghet issir biss biex jigu eletti diretturi addizzjonali ghal dawk gia` ezistenti;

1.36. Illi l-uniku mod li direttur jista` jitnehha minn din il-kariga hu *ai termini* tal-artiklu 140 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq gia` indikat, u din il-procedura ma gietx segwita;

1.37. Illi konsegwentement, ir-rikorrenti ghandu id-dritt li jattendi fil-laqghat kollha tal-Bord tad-Diretturi u li jigi notifikat bl-avvizi relattivi;

1.38. Illi jirrizulta li l-intimati qed jirrifjutaw li jaghmlu dan;

1.39. Illi l-agir tal-istess intimati fuq elenkat qed jirreka pregudizzju lir-rikorrenti u lill-azzjonisti tas-socjeta` *de quo*;

1.40. Illi in vista tal-premess, ir-rikorrenti kien kostrett jaderixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m’ghandiex, taht il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa, taghti dawk l-ordnijiet li hi tqis necessarji *ai termini* tal-artiklu 402 tal-Kap 386 fuq indikat, fosthom:

1.40.1. Illi tipprojbixxi lill-intimati milli jiehdu aktar decizjonijiet dwar it-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-socjeta` Cilia Products Limited minghajr l-involviment tar-rikorrenti;

1.40.2. Illi tordna lill-intimati jaghtu avvizi tal-laqghat tal-Bord tad-Diretturi, anke lir-rikorrenti, fil-kwalita` tieghu ta’ direttur;

1.40.3. Illi tordna lis-socjeta` Cilia Products Limited thallas lir-rikorrenti s-salarju lilhu dovut;

1.40.4. Illi tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tas-socjeta` intimata ghall-futur;

1.40.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta datata l-21 t'Ottubru, 2004, li permezz taghha l-intimati *proprio et nomine* sintetikament wiegbu is-segwenti:

2.1. Illi r-rikors promotur hu irritwali *stante* li r-rikorrenti mhux direttur tas-socjeta` Cilia Products Limited ghaliex ma kienx elett f'din il-kariga fis-seduta generali annwali tal-11 t'Awwissu, 2004, li saret *ai termini* tal-Kap 386 fuq indikat;

2.2. Illi r-rikorrenti m'ghandux dritt jagixxi ghan-nom tas-socjeta` li allegatament jirrapprezenta kontra tieghu nnifshu;

2.3. Illi l-artiklu 402 tal-Kap 386 li a bazi tieghu gie intavolat ir-rikors promotur jintitola biss lill-azzjonisti ta' socjeta` jagixxu f'dan ir-rigward;

2.4. Illi l-fatt li r-rikorrenti qed jagixxi kemm bhala direttur u bhala azzjonista hi kontradizzjoni u mhix legalment sostenibbli;

2.5. Illi ghalhekk, ir-rikors promotur hu wkoll irritu u irritwali, u ghandu jigi respint;

2.6. Illi r-rikorrenti intavola zewg (2) mandati t'inibizzjoni li wiehed minnhom gie respint, (ara foll 45), u l-iehor ghadu mhux dekretat, (ara foll 44);

2.7. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.8. Illi rigward l-ewwel talba tar-rikorrenti jinghad li la m'ghadux direttur, u ghalhekk mhux legalment possibbli ghalih li jiehu parti fit-tmexxija tas-socjeta` *de quo* bhala direttur;

2.9. Illi tramite s-segretarju tas-socjeta` in dizamina, l-intimati taw avvizi ghall-laqgha generali u kien l-istess rikorrenti li ghazel li ma jattendix u li jibghat lil Charles Farrugia minfloku biex jirrapprezentah;

2.10. Illi fl-imsemmija seduta, li fiha r-rikorrenti kien rapprezentat mill-imsemmi Farrugia, ttiehed il-vot li permezz tieghu kienu eletti regolarment u legalment l-intimati bhala diretturi;

2.11. Illi fl-istess laqgha imsemmija fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti ma kienx elett bhala direttur u konsegwentement, illum m'ghadux jokkupa din il-kariga;

2.12. Illi skont l-artiklu 402 tal-Kap 386, din it-talba tar-rikorrenti ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta' din il-qorti u kemm -il darba jrid jibqa` jsostni din it-talba, ghandu javvanzha quddiem qorti ohra taht il-ligi ordinarja;

2.13. Illi l-intimati imxeww skont il-Kap 386 fuq riferit u kull decizjoni li hadu haduha *ai termini* tal-istess Kap;

2.14. Illi ghalhekk, filwaqt li jirrigettaw ir-rikors promotur bhala kontenenti allegazzjonijiet fierha u vessatorji, jissottomettu li l-istess rikors promotur ghandu jigi respint;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta' Gunju, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 84);

4. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat il-15 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti appuntat perit legali hemm indikata, (ara foll 398);

5. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat is-6 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, wara li semghet lill-partijiet fir-rigward, u wara d-debita konsultazzjoni, hatret espert tekniku hemm indikata biex tanalizza l-kalligrafija hemm riferita u tirrilaxxa il-konkluzzjonijiet taghha mal-perit legali ghall-finijiet tal-eventwali rapport taghha, (ara foll 444);

6. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-25 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha l-espert kalligrafu pprezentat ir-relazzjoni taghha lill-perit legali *de quo*, (ara foll 462);

7. Rat ir-relazzjoni tal-perit legali nominata datata it-13 ta' Jannar, 2014, (ara foll 559);

8. Rat id-domandi in eskussjoni tal-perit legali sottomessi mir-rikorrenti u datati l-25 t'April, 2014, (ara foll 623);

9. Rat ir-risposti tal-istess perit legali ghad-domandi indikati fil-paragrafu precedenti (ara foll 626);

10. Rat id-digriet taghha datat id-29 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 625);

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-26 ta' Mejju, 2014, (ara foll 628), flimkien ma' dik tal-intimati datata s-26 ta' Gunju, 2014, (ara foll 636);

12. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

13. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, (ara foll 642);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi skont l-espert kalligrafu nominata jirrizulta sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi jirrizulta li effettwat ezamijiet ezawrjenti, (ara foll 458 sa 473);

14.2. Illi d-Dok. No. 2A, (ara foll 369), ma giex ikkonfermat li nkiteb mill-intimati Maurice jew Daniel ahwa Cilia, (ara foll 473);

14.3. Illi fid-Dok. 13 (a) (i), (ara foll 411), il-probabilita` hi li l-kitba ta' lewn kannella u blu kienet miktuba mill-intimat Daniel Cilia, u teskludi li setghet inkitbet mill-intimat Maurice Cilia;

14.4. Illi c-*"chits"* f'*envelope* kannella immarkat Dok. 125, (ara foll 422), probabbilment inkitbu mill-intimat Daniel Cilia u mhux minn huh l-intimat Maurice Cilia;

14.5. Illi fir-rigward ta' l-imsemmija *"chits"* indikati fil-paragrafu precedenti ma rrizultax li kien hemm bizzejjed karatteristici u materjal biex iwasslu lill-istess espert biex tkun certa li nkitbu mill-intimat David Cilia;

14.6. Illi in konkluzzjoni l-istess espert issosstni li:

> ".... iva, nstabu karatteristici tal-kitba tieghu, (presumibilment tal-intimat Daniel Cilia), filwaqt illi ma nstabux karatteristici tal-kitba tal-intimat Maurice Cilia", (ara foll 473), bil-parentesi inkluza jigi sottolineat li hi tal-qorti u mhux tal-espert kalligrafu *de quo*;

15. Illi *stante* li m'hemmx elementi kontradittorji, din il-qorti taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-espert kalligrafu fuq riferita, u sintetikament elenkati fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi permezz tar-relazzjoni taghha l-abbli espert legali *de quo* sintetikament esponiet is-segwenti:

16.1. Illi s-socjeta` Cilia Products Limited illum hi *private exempt company* regolarment registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji fit-23 ta' Frar, 1989, u precedentement kienet

registrata bhala *Limited Liability Company* fit-23 ta' Frar, 1979, (ara foll 7);

16.2. Illi originarjament l-erba` ahwa Cilia, Maurice, Daniel, Victor u Oreste kienu lkoll ugwalment azzjonisti fl-istess socjeta`;

16.3. Illi llum Victor Cilia rtira mill-istess socjeta` u kellu l-ishma tieghu assorbiti minn hutu, l-azzjonisti l-ohra, (ara foll 590);

16.4. Illi fl-1980, ir-rikorrenti ma baqax jahdem aktar mas-socjeta` in dizamina u rrizenja anke minn direttur tal-istess socjeta`;

16.5. Illi fl-2000 l-istess rikorrenti ddecieda li jerga` jigi mpjegat ma' l-istess socjeta` u bi qbil ma' hutu d-diretturi intimati, gie wkoll anke ammess bhala direttur taghha;

16.6. Illi l-intimati sussegwentement sejhu laqgha generali straordinarja tal-istess socjeta` fuq riferita ghall-15 ta' Lulju, 2004, (ara foll 34), bil-ghan li r-rikorrenti jigi estromess mill-kariga ta' direttur ta' l-imsemmija socjeta`, liema laqgha m'avveratx ruhha wara li r-rikorrenti intavola mandat t'inibizzjoni fir-rigward;

16.7. Illi sussegwentement issejhet laqgha generali ohra ghall-11 t'Awwissu, 2004, ghall-istess skop u li ghaliha r-rikorrenti nnomina lill-*accountant* tieghu biex jattendi ghall-istess laqgha minfloku *per prokura*;

16.8. Illi l-intimati diretturi prezenti ghall-imsemmija laqgha ma wiegbux ghad-domandi tal-*accountant de quo*, izda minflok ipprocedew biex jestromettu lir-rikorrenti Oreste mill-kariga ta' direttur fi hdan l-imsemmija socjeta`;

Ikkunsidrat:

17. Illi r-rikorrenti jsostni li nonostante d-decizjoni li jitnehha minn direttur fuq riferita hu ghadu direttur tas-socjeta` *de quo*;

18. Illi *di piu`* jsostni wkoll li hu jista` biss jitnehha minn direttur a bazi tal-artiklu 140 ta' l-att dwar il-Kumpaniji, Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tal-fatt li l-istatut tas-socjeta` in dizamina jghid biss li tali elezzjoni ssir meta xi wiehed mid-diretturi jirtira jew jirrezenja;

Ikkunsidrat:

19. Illi min-naha taghhom l-intimati jsostnu li r-rikorrenti tnehha minn direttur skont il-ligi;

20. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li *ai termini* tal-artiklu 402 tal-imsemmi Kap 386, ma jistghax jissottometti tali talba;

21. Illi *di piu`*, l-intimati jsostnu wkoll li r-rikorrenti m'ghandu l-ebda dritt jagixxi ghan-nom tas-socjeta` in dizamina *stante* li l-artiklu 402 jintitola biss lill-azzjonisti tal-istess socjeta` biex jagixxu f'dan ir-rigward;

22. Illi jsostnu wkoll li l-mandati t'inibizzjoni intavolati mir-rikorrenti gew wiehed michud u l-iehor ghadu mhux dekretat;

Ikkunsidrat:

23. Illi kif ritenut mill-abbli espert legali fir-relazzjoni taghha, s-socjeta` in dizamina tista` titqies *quasi – partnership* li fih r-rikorrenti ghandu terz (1/3) tal-ishma bhal m'ghandhom l-intimati;

24. Illi nonostante l-votazzjoni tal-laqgha generali straordinarja tal-11 t'Awwissu, 2004, jirrizulta li fis-6 ta' Gunju, 2005, ir-rikorrenti kien jirrizulta li kien ghadu registrat bhala direttur tal-imsemmija socjeta` mar-Registratur tal-Kumpaniji, (ara foll 72 u 595);

25. Illi jirrizulta li addirittura anke fis-6 ta' Gunju, 2007, l-avukat tal-intimati pprotesta ma' l-Awtorita` Maltija tas-Servizzi Finanzjarji ghaliex ir-rikorrenti kien ghadu jidher bhala direttur tas-socjeta` *de quo*, (ara foll 338);

26. Illi skont l-istess abbli espert legali fuq riferita "... isem Oreste Cilia qatt ma tnehha minn direttur minn mar-Registratur tal-Kumpaniji", (ara foll 595);

Ikkunsidrat:

27. Illi fic-cirkostanzi tas-suespost ghalhekk jigi indirizzat il-kwezit jekk ir-rikorrenti kienx effettivament direttur meta intavola l-procedura odjerna;

28.0. Illi f'dan ir-rigward l-abbli perit legali fuq riferita issottolineat is-segwenti:

28.1. Illi fil-kawza **Direttur tas-Sigurta` Socjali vs. Paul Vella** *pro et noe*, (Appell: 29 t'April, 1996), gie ritenut li:

"... meta t-*termination* ta' direttur ma tirrizultax mill-*memorandum* jew *articles of association*, tali *termination* ma tkunx fis-sehh qabel ma *Form K* tkun registrata". (Vide foll 389 tal-*Principles of Maltese Company Law*), (tal-Professur Andrew Muscat), (ara foll 595);

28.2. Illi fid-dawl tas-suespost, din il-qorti tiddikjara li taqbel mall-konkluzjoni tal-istess abbli perit legali fuq riferita, (ara foll 531), u konsegwentement tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

29.0. Illi rigward it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimati, senjatement dik li tikkontendi li r-rikorrenti m'ghandux dritt jagixxi ghan-nom tas-socjeta` in dizamina, (ara paragrafu numru tnejn punt tnejn, (2.2.), aktar qabel, jinghad sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi r-rikorrenti qed jagixxi validament bhala direttur u azzjonista tas-socjeta` *de quo*;

29.2. Illi di piu`, kif issostni wkoll l-abbli espert legali *de quo*, ghandu jkun pacifiku li minn ezami tal-okkju tal-kawza jirrizulta assodat li r-rikorrenti mhux jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` in dizamina izda f'ishmu proprju;

29.3. Illi aktar minn hekk, jirrizulta wkoll li t-talbiet tieghu huma indirizzati anke kontra l-istess socjeta` *de quo*;

29.4. Illi ghalhekk, tenut kont tal-konkluzjoni peritali fir-rigward, din il-qorti tiddikjara li anke hawn qed taghmel taghha l-konkluzjoni tal-istess perit, u konsegwentement qeghda wkoll tirrespingi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi rigward it-tielet eccezzjoni sollevata mill-intimati, senjatement dik rigwardanti l-artiklu 402 tal-Kap 386 fuq riferit, jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi l-artiklu riferit fil-paragrafu precenti jistabbilixxi sintetikament is-segwenti:

30.1.1. Illi f'kaz t'agir diskriminatorju oppressiv, jew ingust, li jikkawza pregudizzju indebitu lill-lanjant azzjonist, tista` tigi intavolata lanjanza appozita lill-qorti permezz ta' rikors;

30.1.2. Illi l-kelma "membru" tfisser "azzjonista ta' kumpanija";

30.1.3. Illi l-kelma "azzjonista" tfisser "persuna registrata fir-registru tal-kumpaniji jew id-detentur *bona fide* ta' *warrant* ta' azzjoni";

Ikkunsidrat:

31.0. Illi din il-qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-imsemmija perit legali u konsegwentement tiddikjara:

31.1. Illi l-azzjoni odjerna setghet tigi legalment intavolata mir-rikorrenti *qua* azzjonist;

31.2. Illi kif ritenut mill-**Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Vincent Monreal et vs. Lino Delia *nomine***, datata t-13 ta' Mejju, 1999:

> "Dawn il-provedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji", (ara foll 596);

Ikkunsidrat:

32. Illi l-fatt li l-azzjoni odjerna giet intavolata mir-rikorrenti bhala azzjonist u bhala direttur tas-socjeta` in dizamina ma jgibx in-nullita` tal-proceduri;

33. Illi kif irriteniet il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Mixkuka Limited vs. George Mangion**, ***proprio et nomine* datata l-24 t'April, 2003**:

> "Id-dikjarazzjoni ta' nullita` tal-atti gudizzjarji hi sanzjoni radikali li ghandha tintuza eccezzjonalment biss u meta ma jistax isir mod iehor. Jekk l-ebda kawzali jew l-ebda talba fic-citazzjoni ma jidher li taghmel stat fil-konfront ta' wiehed mill-konvenuti jezisti rimedju procedurali li mhux t-thassir tal-att gudizzjarju, ossia billi jinheles milli jibqa` fil-kawza bla ma l-att jithassar. In-nuqqas ta' tharis formali, ghalhekk, ma jkunx nissel fil-parti eccipjenti pregudizzju li ma jistax jitnehha jekk mhux bid-dikjarazzjoni li l-att gudizzjarju ma jiswiex";

34. Illi in vista tal-istess, il-procedura adoperta mir-rikorrenti ma tistax tigi meqjusa nulla, (ara foll 597), kif qed jintalab mill-intimati;

35. Illi l-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** irriteniet ukoll, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Bridget Giusti et vs. Godwin Giusti et, datata it-3 t'April, 2012**, li:

> "Din il-Qorti tkompli ssostni l-hsieb taghha meta tghid li l-Kap 386 hija *lex specialis* u *sui generis* fin-natura taghha u ma hemm l-ebda disposizzjoni li tirrendi applikabbli ghaliha d-disposizzjonijiet tal-Kap 12 ghall-Kap 386";

36. Illi in konsegwenza ta' l-istess, il-qorti indikata fil-paragrafu precedenti ordnat lir-rikorrenti biex fil-procedura *de quo* jissostitwixxu r-rikors guramentat taghhom b'rikors "semplici" u "mhux guramentat";

Ikkunsidrat:

37. Illi ghalhekk din il-qorti taqbel mall-konkluzjoni ta' l-espert legali *de quo* li kif intavolata, l-azzjoni odjerna hi debitament proponibbli billi *ai termini* tal-artiklu 136A tal-Kap 386 direttur ghandu jagixxi b'onesta` u *bona fide* fl-ahjar interessi tal-kumpanija, liema agir jikkorrispondi ghad-dover ta' lealta` lejn il-kumpanija;

38. Illi fid-dawl tas-suespost, la r-rikorrenti jirrizulta li qieghed jagixxi anke bhala azzjonist tas-socjeta` in dizamina, allura l-azzjoni minnhu hekk proposta hi debitament proponibbli u ma tattirax in-nullita` awspikata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

39. Illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti tirrizulta li hi bbazata fuq l-artiklu 402 tal-Kap 386 fuq riferit, (ara paragrafu numru tletin, (30), aktar qabel);

40. Illi fil-konfront tal-imsemmi dritt t'azzjoni naxxenti mill-imsemmi artiklu 402 riferit fil-paragrafu precedenti il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha fl-ismijiet Vincent Monreal et vs. Lino Delia *nomine*, datata t-13 ta' Mejju, 1999**, sostniet is-segwenti:

> "Dawn il-provedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju ... anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghata l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ammissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jiprommovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta' dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri, jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragonevoli ta' probabbilita`. Inoltre, skont dak li hemm provdut fis-subartiklu tlieta (3) tal-istess artiklu 402, il-Qorti

tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skont dawn il-provedimenti jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel dan";

41. Illi f'dan ir-rigward, a skans ta' dilungar inutili, din il-qorti taghmel ampja referenza ghar-relazzjoni tal-abbli espert legali *de quo* u tiddikjara li qeghda taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet li hemm hemmhekk riprodotti, (ara foll 598 sa 612);

kkunsidrat:

42.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti taghmel ukoll taghha s-segwenti konkluzjonijiet tal-abbli espert legali *de quo*, senjatament:

42.1. Illi r-reazzjoni tal-intimati ghall-*modus operandi* tar-rikorrenti fi hdan il-kumpanija in dizamina ma kelliex tkun tali li twassal lir-rikorrenti jigi imwarrab mill-istess socjeta` biex b'hekk jiehdu l-istess socjeta` f'idejhom;

42.2. Illi hu proprju dan it-tip t'agir li hu punit permezz tal-artiklu 402 tal-Kap 386 fuq riferit;

42.3. Illi ghalhekk, il-lanjanza tar-rikorrenti hi wahda legittima li jisthoqqilha l-avall ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat:

43.0. Illi tenut kont tas-suespost b'referenza ghall-ewwel talba tar-rikorrenti jigi sintetikament ribadit is-segwenti:

43.1. Illi r-rikorrenti, kif fuq gia` stabbilit, kien u ghadu direttur tas-socjeta` in dizamina;

43.2. Illi ghalhekk, kull decizjoni fi hdan l-istess socjeta`, inkluz fl-amministrazzjoni taghha, tirrikjedi l-avall anke tar-rikorrenti;

**DECIDE:**

43.3. Illi konsegwentement l-ewwel talba tar-rikorrenti li l-intimati jigu projbiti milli jiehdu decizjonijiet rigwardanti t-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-socjeta` *de* quo minghajr l-involviment tar-rikorrenti qed tigi debitament milqugha;

Ikkunsidrat:

44.0. Illi rigward it-tieni lanjanza tar-rikorrenti, senjatament dik koncernanti l-obbligu tal-intimati li jaghtu avviz lir-rikorrenti *qua* direttur tas-socjeta` *de quo*, ghall-laqghat tal-Bord tad-Diretturi, jinghad sintetikament is-segwenti:

44.1. Illi in effetti l-intimati jsostnu li huma espletaw dan l-oneru tramite is-segretarju tal-istess socjeta`;

44.2. Illi kien l-istess rikorrenti li ghazel li ma jattendix ghall-laqgha prefissata u li minflok, jibghat prokuratur tieghu;

44.3. Illi kif irriteniet l-abbli espert legali surriferita jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti tirrizulta li:

44.3.1. Hi skont l-istatut tas-socjeta` *de quo*;

44.3.2. Hi skont id-dettam tal-artiklu 402 (3) tal-imsemmi Kap 386;

**DECIDE:**

44.4. Illi konsegwentement anke din it-tieni talba tar-rikorrenti qed tigi debitament milqugha;

Ikkunsidrat:

45.0. Illi rigward it-tielet talba tar-rikorrenti, senjatament dik rigwardanti l-pagament tas-salarju minnu dikjarat allegament dovut lilu mis-socjeta` in dizamina, jinghad is-segwenti:

45.1. Illi ghalkemm fl-artiklu 402 (3) tal-Kap 386 fuq riferit ma jissemmix is-salarju *ut sic*, pero` hemm referenza fis-subinciz (f) tal-istess artiklu ghall-"hlas ta' kumpens";

45.2. Illi in kontestazzjoni ghall-istess l-intimati jissottolineaw li tali talba ghandha tigi avvanzata mhux taht il-procedura odjerna, izda taht il-ligi ordinarja;

45.3. Illi jirrizulta li l-lanjanza tar-rikorrenti ma tirrigwardax id-*dividends* lilu negati izda biss is-salarju li tieghu anke pprezenta rendikont dettaljat;

45.4. Illi *di piu`*, jigi rilevat li tali talba specifika hi indirizzata biss fil-konfront tas-socjeta` in dizamina u mhux kontra l-intimati personalment;

45.5. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Meatland Company Limited et vs. Saviour Micallef**, datata t-12 ta' Dicembru, 2001, li tistabbilixxi:

> "... meta dawn is-socjetajiet jimpjegaw xi persuni maghhom, ikunu huma stess, bhala aventi din il-personalita` guridika diversa, li jkun l-principal, u mhux il-membri li jikkomponuhom";

45.6. Illi pero`, kif tissottolinea l-abbli espert legali *de quo*, il-Kap 386 in dizamina hu ligi specjali u l-artiklu 402 (3) tieghu ma jsemmix il-kelma "salarju" esplicitament, u minflok jissottolinea il-kelma "kumpens";

45.7. Illi ghandu jkun pacifiku li fit-talba in dizamina tieghu r-rikorrenti ghazel li jindirizza s-salarju allegatament lilu negat;

45.8. Illi ghalhekk, anke hawnhekk, din il-qorti tavalla l-konkluzjoni tal-abbli perit legali fir-rigward li affermat li konsegwentement, ma setghetx tilqa` din it-talba tar-rikorrenti *stante* li l-artiklu 402 (3) in dizamina li fuqu strah l-istess rikorrenti ma jirriferix ghas-sitwazzjoni indirizzata mir-rikorrenti;

**DECIDE:**

45.9. Illi ghaldaqstant, din it-tielet talba tar-rikorrenti qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

46.0. Illi rigward ir-raba` talba tar-rikorrenti, senjatament dik rigwardanti t-tmexxija futura tas-socjeta` Cilia Products Limited, jinghad sintetikament is-segwenti:

46.1. Illi l-intimati jissottomettu li imxew *ai termini* tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

46.2. Illi ghalhekk huma jirrespingu bhala infondati l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti;

46.3. Illi s-socjeta` in dizamina hi:

46.3.1. Socjeta` tal-familja;

46.3.2. Originarjament immexxjia mill-ahwa subien kollha sakemm irtira wiehed minnhom;

46.3.3. Illi l-azzjonijiet kienu maqsuma fi kwoti indaqs;

**DECIDE:**

46.4. Illi fir-rigward ta' din ir-raba` talba tar-rikorrenti tosserva li din hi legittimament ibbazata fuq l-artiklu 402 (3) (a) tal-Kap 386 fuq riferit;

46.5. Illi f'dan il-kuntest, taghmel ukoll taghha l-indikazzjonijiet sollevati mill-imsemmija abbli espert legali fuq riferita u allura tindirizza lill-kontendenti kif ser jigi elenkat:

46.5.1. Illi l-intimati ghandhom josservaw pedissewkement l-istatut tas-socjeta` in dizamina u l-provedimenti tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

46.5.2. Illi b'effett immedjat id-diretturi tas-socjeta` *de quo* ghandhom jittutelaw l-interessi ta' l-istess socjeta` u tal-azzjonisti taghha a bazi tal-istatut regolatorju tal-istess socjeta`;

46.5.3. Illi l-Bord tad-Diretturi, li ghandu ghalhekk jinkludi kemm lill-intimati kif ukoll lir-rikorrenti, ghandu jiltaqa` fi zmien xahar (1) mill-lum biex:

46.5.3.i Jiddeciedi b'mod car u trasparenti l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati tas-socjeta` *de quo*;

46.5.3.ii. Jiddeciedi pagi dinjituzi ghall-impjegati tal-istess;

46.5.3.iii. Jiddeciedi beneficcji ohra rilevanti ghall-istess impjegati;

46.5.3.iv. Jiddeciedi remunerazzjoni xierqa ghad-diretturi tal-istess socjeta`;

46.5.3.v. Illi avviz ghas-suriferit ghandu wkoll jinghata lir-rikorrenti;

46.5.3.vi. Illi l-awditur tas-socjeta` *de quo* ghandu, fid-dawl tal-gurament tal-*warrant* professjonali tieghu, jassigura ruhhu b'mod dirett li l-attivita`socjetarja in dizamina ssir skont il-ligi u mhux jistrieh fuq informazzjoni li tista` tigi mghoddija lilhu minn xi parti involuta;

**DECIDE re Kap ta' l-Ispejjez:**

47.0. Illi finalment in vista tal-problematika kollha involuta, l-ispejjez ta' din il-vertenza ghandhom jitqasmu fil-kwoti segwenti:

47.1. Kwart (1/4) tal-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti;

47.2. Tlett kwarti (3/4) tal-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------